ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 61 IT-TLIETA 14 TA' FRAR 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Jesmond Aquilina, **il-Viċi Sindku** Kenneth Busuttil, **il-Kunsilliera** Angelo Briffa, Jeffrey Camilleri, Thomas Harmsworth, Dennis Zammit, Bjorn Azzopardi, Margaret Mercieca, Ralph Puli (7:10pm) u Simon Vella Gregory (7:12pm).

**Il-Kunsillier** Jason Busuttil informa li ma kienx se jattendi minħabba xogħol u kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**61/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 60**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 60 li nżammet nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 60 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

61/02 **Il-Kunsilliera Ralph Puli** (7:10pm) u **Simon Vella Gregory** (7:12pm) daħlu għas-seduta.

**61/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-GĦAŻLA DWAR IS-SEJĦA GĦAL SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, fil-proċess ta' selezzjoni għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill. Huwa fisser li l-Kunsill kien irċieva disa' u għoxrin applikazzjoni sad-data ta' nofsinhar tal-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2012, kif ukoll applikazzjoni oħra li waslet tard bil-posta fit-2 ta' Frar 2012.

Minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm sitta u għoxrin applikant li ma kienux eleġibbli minħabba li la kienu diġa Segretarji Eżekuttivi u lanqas persuni li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi prospettivi, u li huma fil-lista uffiċjali. Kien hemm ukoll applikazzjoni oħra li ma kenitx imressqa fuq il-formola relevanti tal-applikazzjonijiet li skont is-sejħa kellha titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment. Filwaqt li applikazzjoni oħra waslet tard mid-data tal-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2012.

Il-Bord tal-Għażla Itaqa', skont kif hemm fil-linji gwida maħruġa mal-Memo 4/2012, u wara li ra l-applikazzjonijiet informa lill-kandidati bid-deċiżjoni tal-Bord, filwaqt li nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar il-Bord iltaqa' għall-*interview* maż-żewġ kandidati eleġibbli.

**Is-Sindku** qara r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar l-*interviews*, flimkien mar-rapport dwar il-proċess tas-selezzjoni, u r-rapport tal-Lista Pubblika tar-Riżultati. Huwa fisser li l-Bord tal-Għażla mexa fuq erba' kriterji fil-proċess tas-selezzjoni tal-kandidati fejn is-Sur Kenneth Brincat ġie l-ewwel u warajh is-Sur George Abdilla. Il-Bord tal-Għażla jinnota l-kapaċitajiet individwali taż-żewġ kandidati, u wasal għal dik id-deċiżjoni fuq il-merti u l-kapaċitajiet ta' kull kandidat u mhux għax kellu jintgħażel wieħed minn tnejn.

**Is-Sindku** għalhekk ippropona li dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti kollha tal-Bord tal-Għażla għall-approvazzjoni.

"Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rikmandazzjonijiet u japprova l-għażla tal-Bord jiġifieri li s-Sur Kenneth Brincat jinħatar Segretarju Eżekuttiv."

**Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri ssekonda.**

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva r-rikmandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.**

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li kien se jressaq talba lill-Ministru biex jinnomina l-persuna magħżula mill-Kunsill bħala Segretarju Eżekuttiv.

## 61/04 TENDER - KUNTRATT TA' ĠBIR TA' SKART GOFF

**Is-Sindku** qara u poġġa fuq il-Mejda r-rapport tal-Bord maħtur biex jirrapporta dwar l-Offerti għall-Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Goff, liema rapport kien iċċirkulat. **DOK 'B'**

Is-Sindku nforma li s-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru 2011, kif ukoll fil-Gazzetta *Malta Independent* ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2011, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2011.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet mis-Segretarju Eżekuttiv John Farrugia, fil-preżenza tas-Sindku Jesmond Aquilina u tal-Kunsilliera Angelo Briffa u Thomas Harmsworth.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħames (5) offerti;

| No. | Details | Tender Guarantee | Rate per Collection |
|---|---|---|---|
| 1. | **Brydon Azzopardi** – Attard | € 465.87<br>BOV<br>G46TFC27772 | **€ 2.35**<br>for 2 items |
| 2. | **Owen Borg** – Żebbuġ | € 466<br>HSBC<br>8820112650 | **€ 2.20**<br>for 2 items |
| 3. | **Jimmy Muscat** – Sta. Venera | € 500<br>BOV<br>G38TFC27756 | **€ 2.45**<br>for 2 items |
| 4. | **Ronald Debono** – Qormi | € 14,500<br>BOV<br>GISTFC19446 | **€ 3.25**<br>for 4 items |
| 5. | **Ronald & Christopher Bezzina** – Zejtun | € 470<br>HSBC<br>8820112613 | **€ 3.00**<br>for 2 items |

Għal din is-sejħa l-Kunsill talab servizz ta' ġbir ta' skart goff fejn kull ġabra minn residenza tikkonsisti f'żewġ oġġetti, u l-ġbir isir ta' l-anqas tliet darbiet fil-ġimgħa, jew kif jindika l-Kunsill. It-Tender Guarantee mitluba kienet ta' € 465.87. Dan il-kuntratt hu stmat li jiġi jiswa madwar €14,000 fis-sena, skont il-Budget 2012.

Il-Bord magħmul mis-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil u l-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Dennis Zammit, minflok

is-Sur Anġelo Briffa li ma setax jattendi, Itaqa' nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2012 mal-kuntratturi kollha li tefgħu l-offerta għal din it-tender.

Il-Bord jikkonsidra li l-irħas offerta u l-aktar waħda vantaġġjuża għall-Kunsill skont kif mitfugħa, kienet dik ta' Ronald Debono ta' € 3.25 għal kull ġabra li tikkonsisti sa erba' oġġetti. Il-Bord jinnota li dan il-kuntrattur qed jagħti lill-Kunsill dan is-servizz għal ġbir ta' aktar oġġetti minn residenza. Għalhekk il-Bord qed jirrikmanda li dan il-Kuntratt ta' ġbir ta' skort goff, li jibda mill-1 ta' April 2012 u hu għal teltt snin, jingħata lis-Sur Ronald Debono ta' Triq il-Bard, Ħal Qormi.

Il-Kunsill talab lill-Kuntrattur jispjega aħjar l-offerta tiegħu, fejn ikkonferma li ġabra li tkun tikkonsisti f'erba' oġġetti jiċċarġja € 3.25, filwaqt li jekk il-ġabra tkun sa żewġ oġġetti jiċċarġja biss € 2.00.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li l-Kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart goff jingħata lis-Sur Ronald Debono, skont kif qed jirrikmanda l-Bord tal-Għażla.

"Nipproponi li l-kuntrattur is-Sur Ronald Debono jingħata il-kuntratt tal-Ġbir ta' l-iskart goff, bir-rata ta' €3.25, fejn jinġabru sa erba' oġġetti kull ġabra."

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil issekonda** l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** li s-Sur Ronald Debono jingħata l-kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Goff għall-tlett snin.

**61/05 TENDER - KUNTRATT TA' MANUTENZJONI U TINDIF TA' LATRINI PUBBLIĊI**

**Is-Sindku** qara u poġġa fuq il-Mejda r-rapport tal-Bord maħtur biex jirrapporta dwar l-Offerti għall-Kuntratt manutenzjoni u tindif tal-Latrini Pubbliċi, liema rapport kien iċċirkulat lill-Kunsilliera. **DOK 'C'**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru 2011, kif ukoll fil-Gazzetta Independent ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2011, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2011.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet mis-Segretarju Eżekuttiv John Farrugia, fil-preżenza tas-Sindku Jesmond Aquilina u tal-Kunsilliera Angelo Briffa u Thomas Harmsworth.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħames (5) offerti;

| *No.* | *Details* | *Rate* | | *Tender Guarantee* |
|---|---|---|---|---|
| 1. | David Borg – Qormi | Option 2(ii) | € 20.000 | €1,165<br>HSBC 8820112624 |
| 2. | Emmanuel Borg – Qormi | Option 2(i) | € 26,000 | € 1,170<br>BOV G15TFC27655 |
| 3. | Saviour Mifsud – Żebbuġ | Option 1<br>Option 2(i)<br>Option 2(ii) | € 21,950<br>€ 14,650<br>€ 7,350 | € 1,170<br>BOV G82TFC27764 |
| 4. | Bryden Azzopardi – Attard | Option 1<br>Option 2(i)<br>Option 2(ii) | € 13,745<br>€ 10,485<br>€ 5,242 | € 1,164.69<br>BOV G46TFC27771 |
| 5. | Ricky Caruana – Zurrieq | Option 1<br>Option 2(i)<br>Option 2(ii) | € 24,000<br>€ 15,000<br>€ 9,000 | € 1,170<br>BOV G79TFC27700 |

Għal din is-sejħa l-Kunsill talab servizz kif ġej fil-qosor:
*The contractor is to provide the service on an ongoing basis throughout the period of this contract for:*

*(a) the regular supervision of the three public conveniences*
*(b) the regular, daily cleaning of the three public conveniences and their immediate surrounding area; and*
*(c) the maintenance of the three public conveniences including the repair of minor items and the supply of all consumables.*

b'*Tender Guarantee* ta' € 1164.69. Is-sejħa kienet maqsuma f'żewġ *Options*:

***Option 1.***
*Tender Sum for the running of the Three Public Conveniences together.*

***Option 2.***
*(i) Tender Sum for the running of the The two Public Conveniences in St George's area, namely Public Convenience in Federico Maempel Square, and Public Convenience in Pjazza San Frangisk/Triq iz-Zenqa.*
(ii) *Tender Sum for the running of the the Public Convenience in St Sebastian's area, namely the Public Convenience in Triq San Bartolomeo*.

**Il-Bord** magħmul mis-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil u l-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Dennis Zammit, minflok is-sur Anġelo Briffa li ma setax jattendi, ltaqgħa nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2012 mal-kuntratturi li tefgħu l-offerta għal din it-tender: Il-Bord fakkar li x-xogħol fit-tħaddim tal-latrini għandu jsir il-ġimgħa kollha kull jum, mit-Tnejn sal-Ħadd mis-7.00 ta' fil-għodu sas-7.00 ta' fil-għaxija, kif ukoll li s-somma fl-offerta tinkludi sew il-VAT kif ukoll il-5% Management Fee, u fost ħwejjeġ oħra mitluba fis-sejħa kien hemm it-*Third Party Liability Insurance Cover*. Il-Bord informa lil kull kuntrattur li fil-preżent it-tliet latrini pubbliċi kienu mibnija kompletament mill-ġdid mill-Kunsill.

Il-Bord iddiskuta dawn l-offerti u jqis li l-latrini għandhom ikunu b'attendant responsabbli għall ġurnata kollha, speċjalment f'dawk il-latrini l-aktar milħuqa.

Għaldaqstant l-Bord wara li kkonsida l-offerti u l-proposti mressqa qed jirrikmanda li l-Kunsill japprova l-offerta tas-sur Emanuel Borg skont *Option* 2(i) li tinkludi iż-żewġ latrini tan-naħa ta' San Ġorġ, dik ta' *Federico Maempel Square u Pjazza San Frangisk/Triq iz-Zenq8a* għas-somma ta' €26,000 għalkemm il-prezz għal dan ix-xogħol żdied konsiderevolment, izda dawn huma żewġ latrini ġodda li l-Kunsill għadu kemm bena mill-ġdid, kif ukoll l-offerta tas-sur Saviour Mifsud għall-Option 2(ii) il-latrina ta' ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan għas-somma ta' €7,350.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li l-Kuntratt ta' manutenzjoni u tindif tal-latrini pubbliċi jingħata skont ir-rikmandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

"Nipproponi li l-Kuntrattur Emanuel Borg jingħata l-kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini ta' *Federico Maempel Square u Pjazza San Frangisk/Triq iz-Zenqa* għas-somma ta' €26,000, u l-kuntrattur Saviour Mifsud jingħata l-kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini tal-latrina ta' ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan għas-somma ta' €7,350, fis-sena.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni.**

**61/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** fisser li issa li għalqu n-nomini għall-elezzjoni tal-Kunsill li sejra tinżamm fl-10 ta' Marzu, huwa fatt li l-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, u l-Kunsilliera Jeffrey Aquilina, Dennis Zammit u Angelo Briffa mhux sejrin jikkontestaw din l-elezzjoni. Għalhekk rressaq f'isem il-Kunsill ir-ringrazzjament tal-Kunsill għas-servizz li dawn l-erba' kunsilliera dejjem taw fil-Kunsill ta' Ħal Qormi, u b'mod partikulari lil Anglu Briffa tat-18-il sena servizz li ta' b'ħidma fil-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu, fejn qatt ma' falla laqgħa' waħda.

**Is-Sindku** għalhekk ippropona li l-Unur Ġieh Ħal Qormi għas-sena 2012 jingħata lil Angelo Briffa bħala persuna li jixraqlu u ħaqqu għall-ħidma ta' tmintax-il sena minn ħajtu għas-servizz ta' l-oħrajn bil-ħidma tiegħu fil-Kunsill u jagħmel unur lill-komunita' Qormija. Jingħata wkoll Għarfien lit-tliet Kunsilliera Kenneth Busuttil, Jeffrey Aquilin u Dennis Zammit għas-servizz u l-ħidma tagħhom fil-Kunsill.

**Il-Kunsilliera** kollha ssekondaw il-mozzjoni u unanimament approvawha, fost xewqat sbieħ u ringrazzjament lill-Kunsilliera Angelo Briffa, lil Kenneth Busuttil, Jeffrey Camilleri u Dennis Zammit tal-ħidma u s-servizz li dejjem taw lill-Kunsill.

**61/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:15 ta' fil-għaxija.

**Jesmond Aquilina**
**Sindku**

**John Farrugia**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
**(Jum) (Data) (Xahar)**